MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 382/2010/1

**Francis Vella (ID 503059M)**

**vs**

**Josephine Bartolo**

Il-Qorti

**Rat** li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011 ippronunzja s-sgwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi:-

**"It-Tribunal,**

Ra li din il-kawza hi dwar ir-relazzjonijiet finanzjarji bejn tnejn mizzewgin separati li baqghu jghixu taht l-istess saqaf fil-Mosta wara separazzjoni bonarja. Hi money claim li hi kontestata u wasslet ukoll ghal kontro talba.

Ra li fl-AVVIZ insibu hekk mitlub:-

Tghid il-konvenuta ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

Jikkundanna lil Josephine Bartolo thallas is-somma ta' elf u erba' mitt Ewro (€1,400.00c) lill-attur rapprezentanti nofs l-ispejjez tal-kontijiet ghad-dawl u l-ilma ta' l-abitazzjoni 120, Constitution Street, Mosta u dan skond kif dikjarat f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 5 ta' Marzu 2002, meta l-istess konvenuta Josephine Bartolo obbligat ruhha li tivversa nofs l-ispejjez tad-dawl u l-ilma sakemm tibqa tghix ma l-attur, liema spejjez ghadhom jigu sal-gurnata tal-lum sopportati mill-attur. Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra legali datata 15 ta' Dicembru 2009 kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-RISPOSTA formulata hekk:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi l-attur ammetta li kien jiehu l-flus mill-portmoni tal-konvenuta biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tad-dawl u ilma. Hu ammeta li kien jaghmel hekk qabel l-2006;
hemm ammissjoni mal-Pulizija.
3. Illi parti mis-snin mitluba huma preskritti.
4. Illi l-konvenuta ukoll kienet thallas lill-attur hafna drabi; dan kienet tagmlu bi flus kontanti.
5. Illi l-attur irid ihallas lill-konvenuta ammonti li jridu jigu pacuti – hi hallset ghal cable TV u internet tat-tifel.
6. Illi r-ragel wara s-separazzjoni istalla fil-kamra tieghu u ghalih biss "air conditioner" li ma ghandux jigi inkluz fl-ispejjez tad-dawl komuni u ghal konsum tieghu ghandu ihallas wahdu.

Bhala kontrotalba l-konvenuta qed titlob li l-attur jigi ordnat ihallasha spejjez komuni li hallset hi – l-ammont dovut ma jeccedix €3400. Dawn l-ispejjez jinkludu spejjez tal-minuri li suppost jinqasmu.

Ra l-KONTRO-TALBA formolata hekk:-

Il-konvenuta qed titlob li zewgha ihallasha mhux aktar minn €3400 li huma hlasijiet u spejjez li hu gawda minnhom meta hi hallset ghal affarijiet u servizzi li minnhom gawdew iz-zewg partijiet u spejjez li hi hallset ghal wild. Dawn l-ispejjes tal-wild hu obbligat ihallas nofshom.

Ra r-RISPOSTA ghall-KONTROTALBA li hi hekk:-

Illi l-ammont mitlub fil-kontrotalba mhux dovut fil-fatt u fid-dritt u minghajr pregudizzju l-partijiet kienu diga qasmu kollox bejniethom li wassal ghas-separazzjoni bonarja bejn il-partijiet.

L-attur zied jiddettalja hekk:-

L-ammonti ma humiex dovuti stante li l-partijiet kienu diga qasmu dak kollu dovut waqt il-process tas-separazzjoni bejn il-partijiet u li dan kien wassal ghas-separazzjoni bonarja li kienet giet konkluza aktar minn hames snin ilu u allura fil-5 ta' Marzu 2002;

Inoltre bhala l-ewwel eccezzjoni ghas-suespost, il-kaz huwa preskritt skond il-ligi.

Jinghad ukoll illi bhala parti mis-settlement tas-separazzjoni huwa kien ta l-manteniment miftiem f'somma lump sum li kienet thallset b'mod intier qabel ma gie redatt l-att konsenswali tas-separazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-intimata Bartolo li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

PROVI

A1 L-attur qal li mill-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar fejn joqghodu l-kontendenti (120, Constitution Street, Mosta), il-konvenuta hallset nofs l-ewwel zewg rati biss mentri kellha thallas nofs il-kontijiet kollha. Meta kien javvicinaha

ghalihom kienet tghidlu li ma kienetx ser thallas bla ma tghidlu ghaliex.

2 Riferibilment ghall-KONTROTALBA fejn il- konvenuta tghid li ghamlet €3,400 spejjes fid-dar u ghat-tifel, anke hu ghamel mas-€6,000 spejjes li qed igawdi minnhom kulhadd. Fil-kuntratt ta’ separazzjoni hemm il-bejgh ta’ fond, bir-rikavat jinqasam imma fil-fatt in-nofs kien tah lill-mara ghall-manteniment.

3 Bhala dokumenti, gew esibiti hekk:

Dok FV 1 sa 28 ricevuti
Dok FV 29 sa 47 ricevuti ohra
Dok FV 48 kuntratt tas-separazzjoni bonarja, datat 05.03.02, atti Dr. Margaret Heywood.

4 Meta gie kontro-ezaminat l-attur qal:-

Nikkonferma li skond il-kuntratt fl-Artiklu 2 hemm imnizzel li jiena kelli nikkontribwixxi minn tal-inqas sittin lira fixxahar ghad-dar, manteniment tat-tifel. Naqbel ukoll li konna ghamilna ftehim bejnietna li kkalkolajna das-sittin lira fix-xahar kemm jigi sakemm it-tifel jaghlaq sittax-il sena, l-konvenuta kien baqala ttini somma, nehhejna din issomma kif spjegajt minn dik is-somma li kellha ttini l-kovenuta u mbaghad kellha ttini l-bilanc kif jispicca wara din il-kalkolazzjoni. Id-differenza tal-gholi tal-hajja izda jiena qatt ma tajthom. Izda jiena lit-tifel gieli tajtu l-flus per ezempju ghalezamijiet u affarijiet simili. Tajtu ukoll pocket money. Jiena veru li ammettejt quddiem il-pulizija li jiena darba, hadtilha darba flus mill-portmoney lill-konvenuta. Dan kien sforz tar-rabja li kelli fuqi peress li konna qed nargumentaw, u l-ammont kien ghoxrin lira. Jiena nghix fl-istess dar u gieli xtrajt il-gass ghalija, ghalija jien stess. Meta jispicca l-gass naqbad tieghi u naghmlu minnfloku. Fid-dar ghandna zewg cable, wiehed tieghi u wiehed tal-mara. Jiena tieghi nhallsu, ma niftakarx meta dahhaltu izda ilu. Ma nhallasx l-internet tat-tifel u lanqas il-privat. Jien ghandi air condition fil-kamra tieghi, jiena ghalkemm l-air condition qieghed fil-kamra tieghi dan it-tifel kien jista

jidhol u jorqod fil-kamra. Dan l-airconditioner kien jissupplixxi minn ovvjament il-kont tal-eletriku tad-dar.

B1 Il-konvenuta qalet:

Jiena hallastu cash nofs il-kont tad-dawl u l-ilma li kien hemm pendenti. Jiena mbaghad bqajt inhallsu bi flus kontanti nofs il-kontijiet tad-dawl u ilma. Gieli gara li per ezempju l-hoover, il-washing machine u l-hadida nkissru u kien ikollna bzonn ovvjament li dawn jigu riparata u mixtrija u kont nitlob lill-attur nofs il-valur ta’ dawn ittiswijiet u qatt ma kien tani. Hu kien juza l-ambjenti kollha tad-dar sa rega dahal fil-kamra tas-sodda matrimonjali u beda juza lilha ukoll. Jiena fil-fatt hrigt minn din il-kamra eventwalent u mort norqod go kamra ohra ghalkemm kont ghamilt l-ispejjez. Jiena kont nixtri, l-affarijiet tat-tindif taddar u qatt ma kien itini nofs il-valur taghhom. L-avukat tieghi Dr. Schembri Orland kienet talbet ir-ragel johrog mill-kamra matrimonjali u anke sar rapport lill-Pulizija.

2 Nirriferi ukoll ghal Dok JB1 fejn hemm lista ta’ kontijiet u li jiena hallast wahdi u li qed nghid li ghandi niehu nofs dan l-ammont lura. Il-gas dejjem jiena hallastu qatt ma tani nofs il-flus u kien juzah hu ukoll. Kien juza ukoll heater tal-elettriku u l-air conditioner li dahhal hu u li ahna l-membri l-ohra, l-persuni l-ohra li nghixu fid-dar ma konniex nuzaw. Dejjem hallast l-uniformijiet jiena, ghall-hwejjeg u affarijiet tal-bzonn u dejjem hallast ghalihom jien u r-ragel qatt ma tani nofs l-ammont lura. Kien jaqta’ l-fuses fil-kmamar li konna nuzaw il-persuni l-ohra fid-dar u jsakkar il-kaxxa tad-dawl, Dok JB5.

3 Jiena qatt ma hallastu d-dawl u l-ilma wara certu mument peress illi bdejt nitolbu biex itini sehmu minn dawn l-affarijiet li ghadni kif semmejt u ma kienx ihallasni u b’hekk jiena ma kontx inhallsu biex b’xi mod niehu lura dawk il-flus li kellu jtini. Meta kien jitlobni ghall-flus tad-dawl u l-ilma jien kont nitolbu biex itini dak li ghandu jtini u li nhallsu malli jhallas dak li ghandu jaghti lili. Kien hemm zminijiet twal meta jien ma stajtx nuza d-dawl u ilma fil-partijiet tad-dar fejn kont nuza jien u t-tifel peress illi r-

ragel kien qatali d-dawl u ma stajtx nuza d-dawl li ma kienx fornit.

4 Il-pretensjoni tal-konvenuta giet prezentata b'NOTA li turi hekk:-

Dok 1 kopji ta' kontijiet tal-internet ghat-tifel li jammontaw ghal €2151.07
Dok 2 kopji tal-kontijiet tal-cable television li jammontaw ghal €918.71
Dok 3 rendikont ta' whud mill-ispejjez ta' tobba u dentist ghat-tifel li jammontaw ghal €306.
Dok 4 rendikont tal-ispejjez marbutin ma l-edukazzjoni tat-tifel li jammontaw ghal €402.98
Dok 5 spejjez ghal lezzjonijiet tal-privat tat-tifel li jammontaw ghal €1213.63
Total ta' dawn l-ispejjez jammonta ghal €4992.39

Permezz ta' din in-nota il-konvenuta tirrileva li dawn l-invoices mhumiex kollha anki ghaliex mhux dejjem inghatat ircevuta ta' li hallset.

5 Fit-tieni xhieda taghha, a fol 86 et seq, il-konvenuta nsistiet li hi hallset sehmha mill-kontijiet tad-dawl u l-ilma billi kienet anke tpaci ma dak li l-attur kellu jtiha skond l-att tas-separazzjoni u skond l-ispejjes tad-dar komuni. Dana wara li fil-bidu kienet thallas flus kontanti f'ammont li ma tistax tippreciza.

6 Cahdet li r-ragel qatt nefaq spejjes medici ghat-tifel. It-tifel issa (xhieda tal-20.03.2011) ghandu 20 sena u ghadu jistudja. Mindu ghalaq 18-il sena, mantnietu biss hi "anzi l-attur jiekol minn dak li nixtri jien, hafna drabi"

KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL iqis hekk:-

1. F'din il-kawza ghandna xenarju ta' dak li wiehed ikun jistieden meta koppja li tinfired ma taghmilx mod li lirbit bejniethom ikun l-inqas possibbli jekk mhux ghal kollox totali. Zgur li meta jkun hemm ftehim (sic) li koppja

mifruda tibqa tghix taht l-istess saqaf tkun qed tistieden l-inkwiet. Dan hu dak li sehh fil-kaz prezenti.

2. L-attur qed jippretendi hlas ta' €1400 ghal nofs il-kontijiet tad-dawl u l-ilma li skond l-att ta' separazzjoni jridu jithallsu mill-konvenuta u din, wara li ssostni li hallset hafna minnu cash lil zewgha, il-bqija altru milli kien pacut ma dak li l-attur ghandu jtiha.

3. Hawn ghandna xhieda ta' parti kuntradetta minn parti ohra u hu naturali li meta parti thallas lill-ohra nofs il-kont tad-dawl, la titlob u anqas tinghata ricevuta – diment almenu li l-affarijiet ma jibdewx imorru ghall-aghar. Kif marru!

4. Naturalment l-attur kien f'posizzjoni li jippreserva l-kontijiet u l-istess ghamlet il-konvenuta (ara n-Nota a fol 65 et seq). Issa dawn jitilghu ghal €4992.39. Dawn l-attur ma xehdx biex jikkontestahom.

5. It-TRIBUNAL, kif presedut illum, sema' lill-partijiet jixhdu viva voce u m'ghandux dubbju li l-ammonti pretizi mill-konvenuta huma korretti u dovuti. Dana wara li t-Tribunal qies ix-xhieda taz-zewg nahat u l-atteggjament taghhom waqt il-kawza u fil-pedana tax-xhieda.

6. It-TRIBUNAL hu statutorjament obligat li fil-konsiderazzjonijiet tieghu ikun gwidat maggorment mill-ekwita'. Dak hu li qed jaghmel dan it-TRIBUNAL li ghandu quddiemu omm li t-tifel tal-kontendenti kienet principalment tiehu hsiebu hi u li wara t-18-il sena tieghu (issa ghandu 20 sena u ghadu jistudja) jiddependi tista tghid ghal kollox fuqha.

7. In vista ta' dan kollu, u meqjusa s-sottomisjonijiet tad-difensuri, it-TRIBUNAL jasal biex jikkonkludi li f'din il-kawza kien hemm tpacija topera fir-rigward ta' dak li ppretenda l-attur u li l-kontro-talba ghandha tigi milqugha ghall-bilanc ta' €1,000

8. It-TRIBUNAL innota li fir-rigward tal-eccezzjoni nru 3 (li "parti mis-snin mitluba huma preskritti") fir-RISPOSTA

ghat-TALBA tal-attur, il-konvenuta ma tat ebda ndikazzjoni ulterjuri dwar din l-eccezzjoni u anqas issemmiet fix-xhieda. In civilbus ma jistghux jittiehdu inizjattivi fir-rigward minn naha tal-gudikant. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

KONKLUZZJONIJIET

It-TRIBUNAL, wara li qies kollox, senjatament is-sottomissjonijiet tad-difensuri jiddeciedi kif gej:-

1. Jaccetta t-TALBA tal-attur izda dan il-quantum hu pacut ma parti minn dak li ghandha tiehu l-konvenuta ai termini tal-KONTRO-TALBA TAGHHA.

2. Jichad l-eccezzjoni nru 3 tal-konvenuta dwar preskrizzjoni.

3. Jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu dawn jehilsuha kompletament milli thallas xi haga lill-attur minn dak li talab izda taccettahom in kwantu dak li talab l-attur ser jigi pacut ma parti minn dawk it-talbet tal-konvenuta fil-kontro-talba.

4. Jaccetta l-KONTROTALBA tal-konvenuta sal quantum ta’ elf Ewro (€1000).

5. Jichadha dwar il-bqija

6. Jichad l-eccezzjonijiet tal-attur kontenuti fir-RISPOSTA ghall-KONTRO-TALBA u dana fid-dawl ta’ ukonformement ma dak li ga gie deciz.

7. Jikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta l-quantum ta’ elf Ewro (€1000) liema hlas ghandu jsir fi zmien tletin jum mil-lum, b’dana li f’kaz ta’ naqqas jibda mill-31 jum jiddekorri l-imghax skond il-ligi sal-jum tal-pagament effettiv.

8. Fic-cirkostanzi, kull parti taghmel tajjeb hi ghall-ispejjes taghha.

9. Bla pregudizzju ghal kull dritt iehor spettanti lill-konvenuta si et quatenus.”

**Rat** li l-attur hassu aggravat b’din is-sentenza u intavola appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors ta’ l-appell tal-attur appellant Francis Vella fejn gie premess:-

Illi permezz t’avviz quddiem it-tribunal ghat-talbiet iz-zghar l-appellanti talab lit-tribunal jikkundanna lil Josephine Bartolo thallas is-somma ta’ elf u erba’ mitt Ewro (€1400) lill-attur rapprezentanti nofs l-ispejjez tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma ta’ l-abitazzjoni 120, Constitution Street, Mosta, u dan skond kif dikjarat f’kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali datat 5 ta’ Marzu 2002, meta l-istess konvenuta Josephine Bartolo obbligat ruhha li tivversa nofs l-ispejjez tad-dawl u ilma sakemm tibqa tghix ma’ l-attur, liema spejjez ghadhom jigu sal-gurnata tal-lum sapportati mill-attur.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra legali datata 15 ta’ Dicembru 2009 kontra l-intimata li hija minn issa ingunata ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenuta eccepiet, illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u eccepiet ukoll illi l-attur ammetta li kien jiehu l-flus mill-portmoni tal-konvenuta biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tad-dawl u ilma. Hu ammetta li kien jaghmel hekk qabel l-2006, illi parti mis-snin mitluba huma preskritti, illi l-konvenuta ukoll kienet thallas lill-attur hafna drabi u dan kienet taghmlu bi flus kontanti, illi l-attur irid ihallas lill-konvenuta ammonti li jridu jigu pacuti – hi hallset ghal cable TV u internet tat-tifel, illi r-ragel wara s-separazzjoni installa fil-kamra tieghu u ghalih biss air conditioner, dak m’ghandux jigi inkluz fl-ispejjez tad-dawl komuni u ghal konsum tieghu ghandu jhallas wahdu.

Illi l-konvenuta appellata intavolat ukoll kontro-talba fejn qed titlob li l-attur jigi ordnat ihallasha spejjez komuni li hallset hi – l-ammont dovut ma jeccediex €3400. Dan l-ispejejz jinkludu spejejz tal-minuri li suppost jinqasmu. Il-konvenuta  talbet lit-tribunal li zewgha jhallas mhux iktar minn €3400 li huma hlasijiet u spejjez li hu gawda minnhom meta hi hallset ghal affarijiet u servizzi li minnhom gawdew iz-zewg partijiet u spejjez li hi hallset ghal wild. Dawn skond l-konvenuta appellata, l-ispejjez tal-wild hu obbligat ihallas nofshom.

Illi l-appellanti ghall-kontro-talba tal-konvenuta appellata ecepixxa hekk:-

Illi l-ammont mitlub fil-kontro-talba mhux dovut fil-fatt u fid-dritt u minghajr pregudizzju l-partijiet kienu diga qasmu kollox bejniethom li wassal ghas-separazzjoni bonarja bejn il-partijiet li wassal ghas-separazzjoni bonarja li kienet giet konkluza aktar minn hames snin ilu u allura fil-5 ta’ Marzu 2002. Inoltre bhala l-ewwel eccezzjoni ghas-suespost il-kaz huwa preskritt skond il-Ligi. Illi bhala parti mis-settlement tas-separazzjoni huwa kien ta l-manteniment mifthiem f’somma *lump sum* li kienet thallset b’mod intier qabel ma gie refatt l-att konsenswali tas-separazzjoni.

Illi fis-sentenza tieghu it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar iddecieda billi:-

1. Accetta t-talba ta’ l-attur izda dan l-*quantum* hu pacut ma’ parti minn dak li ghandha tiehu l-konvenuta ai termini tal-kontro-talba taghha.
2. Cahad l-eccezzjoni numru 3 tal-konvenuta dwar il-preskrizzjoni.
3. Cahad l-eccezzjoni tal-konvenuta in kwantu dawn jehilsuha kompletament milli thallas xi haga lill-attur minn dak li talab izda taccettahom in kwantu dak li talab l-attur ser jigi pacut ma’ parti minn dak li talbet il-konvenuta fil-kontro-talba.
4. Accetta l-kontro-talba tal-konvenuta sal-quantum ta’ elf ewro (€1000).
5. Cahadha dwar il-bqija.

6. Cahad l-eccezzjonijiet ta’ l-attur kontenuti fir-risposta ghall-kontro-talba u dana fid-dawl ta’ u konformement ma’ dak li diga’ gie deciz.
7. Ikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta l-quantum ta’ elf Ewro (€1000) leima hlas ghandu jsir fi zmien tletin jim mil-lum, b’dana li f’kaz ta’ nuqqas jibda mill-31 jum jiddekorri bl-imghax skond il-Ligi sal-jum tal-pagament effettiv.

Fl-ahhar nett it-Tribunal ordna li fic-cirkostanzi, kull parti taghmel tajjeb hi ghall-ispejjez taghha.

Illi l-attur appellanti hassu aggravat minn din is-sentenza ghas-segwenti aggravji:-

1. Illi qabel xejn it-tribunal kellu jissindika sew l-eccezzjoni sollevata mill-esponenti fir-risposta ghall-kontro-talba ta’ l-appellata tal-preskrizzjoni peress li jirrizulta ampjament li uhud mill-ispejjez pretizi minnha huma gia u sew preskritti skond il-ligi;

2. Illi t-tribunal iddecieda hazin meta ha l-kontijiet tal-konvenuta appellata u hadhom bhala prova sempliciment ghax l-attur appelanti ma telghax jixhed biex jikkontesthom, primarjament ghar-raguni li fis-26 t’Ottubru 2010 il-konvenut kien ghalaq il-provi tieghu u ghaldaqstant, fix-xhieda tieghu in kontro-ezami huwa xehed li l-cable tieghu kien ihallsu hu, izda fid-dokumenti prodotti mill-konvenuta appellata hija ziedet spejjez tal-cable li l-konvenut xehed car u tond li dawk ma humeix spejjez li ghandu x’jaqsam maghhom fost ohrajn;

3. Illi t-tribunal ukoll ghamel apprezzament hazin tal-provi meta ma ikkunsidrax id-dokumenti Dok FV 29 sa Dok FV 47 li huma spejjez li l-konvenut appellanti ghamel fid-dar matrimonjali li fiha ghadha tghix il-konvenuta appellata li dawn jammontaw ghal iktar minn sitt elef Ewro (€6000) konfermata wkoll bi-gurament mill-istess attur appellanti, kontijiet li bl-istess argument ta’ l-istess tribunal lanqas il-konvenuta appellata wkoll qatt ma xehdet biex tikkontesthom. Inoltre uhud minn dawn il-kontijiet prodotti mill-konvenuta appellata jmorru lura sa minn qabel ma gie

ippublikat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet fil-5 ta' marzu 2002, uhud minnhom huma wkoll notamenti li ghamlet il-konvenuta appellata u ma humiex ricevuti ufficjali, ghaldaqstant it-tribunal qatt ma kellu jghamilhom veritjeri. Illi ghalhekk anke t-tpacija skond kif mahduma mit-tribunal inhadmet b'mod hazin mit-tribunal tenut kont tal-fatt li t-tribunal skarta parti mid-dokumenti prezentati mill-attur appellant.

4. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni datat 5 ta' Marzu 2002 jidher car, u dan xehduh ukoll il-partijiet li l-attur appellanti kellu jhallas Lm60/€139.80 fix-xahar bhala manteniment lill-konvenuta appellata ghal binhom sa l-eta' ta' tmintax-il sena li nghata f' "lump sum payment" u l-appellanti kellu jaghti biss dak l-ammont li jirrizulta iktar minn €139.80 fi spejjez ghal minuri fix-xahar, izda mill-kopja tal-kontijiet prodotti mill-appellata dan ma jirrizultax. Illi jirrizulta mix-xhieda ta' l-appellata li meta gie intavolat l-avviz quddiem it-tribunal, iben il-partijiet kien ilu maggorenni diga' ghal sena, allura uhud mill-ispejjez pretizi mill-appellata zgur li ma humiex dovuti mill-appellanti.

5. Salv aggavji ohra li jigu trattati oralment jekk ikun il-kaz.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-attur appellant qed jitlob li din il-qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, tilqa' t-talbiet ta' l-appellanti kif mitluba fl-avviz u tichad l-eccezzjoijiet ta' l-appellata kif ukoll t-talbiet taghha fil-kontro-talba u tilqa' l-eccezzjonijiet fil-kontro-talba msemmija.

**Rat** ir-risposta tal-appellata Josephine Bartolo fejn gie sottomess:-
:
Illi l-appellant Francis Vella permezz ta' avviz quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar talab lit-Tribunal jikkundanna lil esponenti appellata, Josephine Bartolo biex thallsu is-somma ta' elf u erba' mitt euro (€1400) rapprezentanti nofs l-ispejjez tal-kontijiet tad-dawl u ilma tad-dar ta' abitazzjoni li tinstab f' 120, Constitution Street Mosta,

f’liema dar prezentament jirrisjedu kemm l-appellant u kemm l-appellata.
Illi l-appellant ghamel din it-talba a bazi tal-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali datat 5 ta’ Marzu 2002 li gie iffirmat mill-partijiet.

Illi l-esponenti appellata eccepiet illi it-talbiet tal-appellant Francis Vella kienu infondati fil-fatt u fid-dritt billi:-

a) hi kienet hallset diversi drabi lil-appellant bi flus kontanti,
b) Francis Vella gieli ha flus mill-portmoni tal-esponenti, kif ammetta hu stess quddiem il-pulizija u anki fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal,
c) hija kienet tinkorri spejjez ghat-tifel li Francis Vella ma kienx hareg nofshom kif kellu jaghmel skont l-istess kuntratt ta’ separazzjoni kkwotat minnu u ghalhekk l-ispejjez tal-kontijiet kellhom jigu pacuti mal-ispejjez li nkorriet hi wahidha ghat-tifel, u
d) Francis Vella wahhal air-condition unit fil-kamra tas-sodda tieghu biss u ghall-uzu personali tieghu biss u ghalhekk ma kellhiex thallas nofs l-ispejjez tal-istess konsum,
e) li uhud mill-kontijiet kienu jirreferu ghal snin qabel u b’hekk eccepiet il-preskrizzjoni.
Illi ghar-raguni li l-esponenti wahidha inkorriet spejjez ghat-tifel kif ukoll spejjez ohra li jirrigwardaw affarijiet u servizzi li minnhom gawdew iz-zewg partijiet, l-esponenti intavolat kontro-talba fejn fiha tablet li l-attur appellant jigi ordnat ihallas nofs dawn l-ispejjez. L-ispejjez ma kienux jeccedu it-tlett elef u erba mitt euro (€3400) u kienu kwazi kollha ikkonfermati b’ricevuti.
Illi fis-sentenza tieghu, datata 5 ta’ Ottubru 2011, it-Tribunal iddecieda billi:
1) Laqgha t-talba tal-attur Francis Vella izda iddikjara li l-ammont kellu jigi pacut ma’ parti minn dak li kellha tiehu l-konvenuta appellata ai termini tal-kontro talba taghha
2) Cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuta appellata,
3) Cahad l-eccezzjoni tal-konvenuta esponenti in kwantu dawn jehilsuha kompletament milli thallas xi haga lill-attur minn dak li talab izda taccetahom in kwantu dak li talab l-

attur ser jigi pacut ma’ parti minn dak li tablet l-esponenti fil-kontro talba taghha,
4) Laqgha l-kontro talba tal-konvenuta appellata sal-ammont ta’ elf euro (€1000)
5) Cahadha dwar il-bqija-
6) Cahad l-eccezzjonijiet tal-attur dwar il-kontro talba
7) Ikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta l-ammont ta’ elf euro (€1000) liema hlas kellu jsir fi zmien tletin jum mid-data tas-sentenza u fin-nuqqas jibda jiddekorri l-imghax mill-wiehed u tletin jum sal-jum tal-pagament effettiv
8) kull parti taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha
9) Bla pregudizzju ghal kull dritt iehor spettanti lill-konvenuta se et quatenus
Illi l-appellant Francis Vella hassu aggravat bis-sentenza u issottometta appell fejn fih talab li din l-Onorabbli Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tat-Tribunal, tilqa t-talbiet tal-appellanti kif mitluba fl-avviz u tichad l-eccezzjonijiet tal-appellata flimkien mat-talbiet fil-kontro talba taghha u tilqa l-eccezzjonijiet tal-appellat fil-kontro talba imsemmija.
Illi bhala risposta ghall-appell tal-attur, l-appellata ghandha dan xi tghid:
1. Illi l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant hu li it-tribunal kellu jissindika sewwa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li ghamel fir-risposta ghal-kontro talba tal-konvenuta appellata. Fuq dan il-punt l-esponenti appellata tirribatti billi tghid illi it-Tribunal fil-fatt issindika din l-eccezzjoni u cahadha flimkien mal-eccezzjonijiet l-ohra. Mhux gust li jinghad li t-Tribunal ma issindikax “sew” din l-eccezzjoni. Intant dawn il-kontijiet u ircevuti jirrizulta li dawn kollha jirreferu ghall- istess perjodu ta’ zmien li jidher fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma li l-attur appellant qed jitlob nofs il-hlas taghhom u ghalhekk jekk tghodd il-preskrizzjoni ghal dawn l-ircevuti ghandha wkoll tghodd il-preskrizzjoni ghall-kontijiet tad-dawl.

2. Illi it-tieni aggravju tal-appellant hu li it-Tribunal iddecieda hazin meta ha l-kontijiet tal-konvenuta appellata bhala prova sempliciment ghax l-attur appellant ma telghax jixhed biex jikkontestahom. L-appellant izid li hu ma telax jikkontestahom minhabba l-fatt li kien ghalaq il-

provi tieghu. Qabel xejn jinghad li fuq punti ta’ fatt il-Qorti tal-Appell ma ghandiex tiddisturba is-sejbiet tal-ewwel istanza jekk mhux ghal ragunijiet gravi u impellenti. L-ewwel Tribunal fuq il-fatti li emmen kellu ragunijiet bizzejjed biex jiddeciedi kif fil-fatt iddecieda. Ma hemm ebda raguni gravi li fuqha jista isir Appell mis-sejbiet tal-fatti tal-ewwel Tribunal. Intant pero’ l-esponenti tirribatti billi tghid illi meta l-appellant kien jitlobha l-hlas ghal-kontijiet tad-dawl hi kienet tghidlu b’dawn l-ispejjez li hi kienet qeghdha tinkorri ghat-tifel taghhom imma hu ma kienx ikun irid ipaci dawn l-ispejjez. Kienet ghazla tal-attur li ma jressaqx provi dwar il-kontijiet prezentati mill-konvenuta. Hu seta talab li jaghmel dan u jekk naqas f’dan is-sens ma ghandiex tbati l-konvenuta. Ghalhekk fl-istadju tal-provi l-attur kellu kull cans li jirribatti dawn l-ispejjez. Barra minhekk kellu cans ukoll ghall-kontro ezami tal-appellata meta din ipproduciet dawn l-ircevuti u rendikont tal-ispejjez imma dan m’ghamlux ghax hu kien jaf li veru kienu intefqu dawn l-ispejjez.

3. It-tielet aggravju tal-appellant hu li it-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi meta ma kkunsidrax id-dokumenti Dok FV29 sa Dok FV47 li huma spejjez li ghamel l-appellant fid-dar fejn jghixu iz-zewg partijiet. Fuq dan l-esponenti appellata tghid illi hi ma tistax tikkonferma dawn l-ispejjez ghax qatt ma gew mghoddija kopji ta’ dawn id-dokumenti lilha jew lil avukat taghha, ghalkemm saru diversi interpellazzjonijiet fis-seduti sabiex tinghata kopja taghhom mill-appellant. Din kienet ir-raguni ghala qatt ma telghet tikkontestahom. Intant ukoll anke dan hu punt ta’ fatt u dina l-Qorti tal-Appell ma ghandiex tissindika is-sejbiet tal-ewwel Tribunal jekk mhux ghal ragunijiet li jkunu serji.

4. Illi l-ahhar aggravju tal-appellant jirrigwarda l-fatt li skont il-kuntratt ta’ separazzjoni, huwa kellu jhallas LM60/€139.80 fix-xahar bhala manteniment ghat-tifel sakemm dan jaghlaq tmintax il-sena u li dan il-manteniment kien inghata f’forma ta’ lump sum payment. L-esponenti appellata qatt ma kkontestat dan il-fatt, pero konvenjentement l-appellant jikkwota biss partijiet minn dan il-kuntratt ta’ separazzjoni. Il-kuntratt ( paragrafu

numru tnejn) jghid li bhala minimu il-partijiet iridu jikkontribwixxu dan l-ammont ta' Lm60 kull wiehed u li jekk ikun hemm spejjez li jeccedu dak l-ammont ghandhom jinqasmu bejn it-tnejn. Il-kuntratt ikompli wkoll illi dan l-ammont jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja u ghalkemm mis-sena 2002, l-appellant gie interpellat sabiex jikkontribwixxi iz-zieda skont l-indici tal-hajja dan huwa m'ghamlu qatt. Dan il-fatt l-appellant ammettieh fix-xhieda tieghu stess taht kontro-ezami kif hemm anki imnizzel fis-sentenza tat-Tribunal (pagna 3 paragrafu 4 tas-sentenza).

5. Illi ma dan kollu li inghad hawn fuq l-esponenti appellata tixtieq izzid illi illum it-tifel tal-partijiet ghandu ghoxrin sena , ghadu jistudja (ICT course fl-MCAST) u ma jahdimx u jghix mal-partijiet fl-istess dar. L-appellant ma jikkontribwixxi xejn ghal-manteniment jew edukazzjoni tat-tifel (u dan minkejja l-emendi recenti f' dan il-qasam) u li kien ghal appellant, it-tifel la jiekol u l-anqas jilbes, la jmur ghand tabib jew dentist. Ghal dawn l-affarijiet kollha thallas biss il-konvenuta appellata. L-esponenti thallas ghall-bzonnijiet kollha tat-tifel, xtratlu laptop computer, thallaslu il-privat, tixtrilu kotba ghall-istudju, tixtrilu hwejjeg u uniformijiet tal-iskola u fuq kollox ittih jiekol u jekk ikollu bzonn tabib jew dentist din thallaslu kollox hi. Dan ammettieh ukoll l-appellant fl-istess kontro ezami u hemm referenza ghal dan il-fatt ukoll fis-sentenza tat-Tribunal (pagna 3 paragrafu 4 tas-sentenza).

6. Illi l-esponenti ma ghandiex iggorr il-piz kollu tal-ispejjez tat-tifel wahidha u imbaghad, minn fuq, l-appellant jitlobha tikkontribwixxi ghall-kont tad-dawl li fih hemm inkluz id-dawl li jahli l-airconditioner li l-appellant wahhal fil-kamra tieghu biss u ghall-uzu esklussiv tieghu. L-appellata ma tippretendix li l-appellant iwahhal airconditioner lilha ukoll imma ghallinqas kienet tkun kuntenta li jkollu id-decenza jwahhal airconditioner lit-tifel jew jikkontribwixxi ghall-nfieq zejjed fid-dawl li jgib mieghu l-A/c. Kuntrajament fix-xhieda tieghu l-appellant qal li hu wahhal airconditioner fil-kamra tieghu u jekk ried it-tifel seta jidhol jorqod fil-kamra tieghu mieghu.

7. Illi barra minhekk fix-xhieda taghha quddiem it-Tribunal l-esponenti appellata xehdet ukoll illi l-appellant kien jigi mix-xoghol qabel tigi lura hi u t-tifel. Kien jinhasel u mbaghad jitfi l-water heater (geezer) biex huma ma jkollhomx mishun. Huwa kien jitfi id-dawl kollu tad-dar mill-kaxxa tad-dawl (fuse box) u huma ma jkunux jistghu jixgheluh billi l-kaxxa (fuse box) kien ghamlilha cavetta. Dan, barra li hu trattament inuman, huwa wkoll abbuz meta imbaghad qed jippretendi li l-appellata thallas nofs l-ispejjez tad-dawl. Din ix-xhieda ma gietx kontestata mill-appellant meta dan kellu cans jaghmlu fil-kontro ezami tal-appellata.

8. Illi l-appellata wkoll tghid illi kull ma jinkiser jew kull ma jkun hemm bzonn jinbidel fid-dar bhal, tazzi, platti, vacuum cleaner, kitla, borom, hadida tal-moghdija etc.. kollox tohrog u tixtri hi u dan ghalkemm l-appellant ghandu access ghal dawn l-affarijiet u juzahom ukoll. Sapun tal-hwejjeg, tal-hasil tal-art u anki tal-platti l-istess, tixtri kollox hi u juzahom hu minghajr ma jikkontribwixxi xejn. Anki ic-cilindri tal-gass jinxtraw mill-appellata ghalkemm l-appellant qal li gieli jixtri xi wiehed hu meta jispicca tal-appellata.

9. Illi l-esponenti appellata tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi kollha thoss illi dan l-appell huwa frivolu u vessatorju anki minhabba l-fatt illi it-Tribunal fil-verita accetta it-talba tal-appellant u kkundannaha thallas nofs l-ammont tal-kontijiet tad-dawl li jammontaw ghal €1400, pero’ fl-istess hin accetta il-kontro talba taghha u b’hekk l-ammonti gew pacuti. Intant billi it-talba taghha kienet ikbar minn dik tal-appellant it-Tribunal ikkundanna lil appellant biex barra l-ammont li kellu jigi pacut, huwa jhallas ukoll l-ammont ta’ elf euro (€1000) lill- appellata ghalkemm dan l-ammont ma huwiex l-ammont kollu li talbet l-appellata fil-kontro talba taghha.

Ghalhekk l-appellata titlob u li din l-Qorti tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza tat-Tribunal bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**Rat** l-atti l-ohra tal-appell kif ukoll l-atti kompilaati quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Zghar.

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Rat** il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2012 u dak tas-seduita tal-31 ta' Jannar 2013 minn fejn jirrizulta l-l-appellant issolleva, fl-istadju tal-appell, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-pretensjonijiet tal-appellata kif kontenuti fil-kontro-talba skond l-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Rat** l-imsemmi verbal tal-31 ta' Jannar 2013.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkunsidrat:-**

Dan hu appell tal-attur Francis Vella mid-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-5 ta' Ottubru 2011 fil-kawza fl-ismijiet premessi. B'din id-decizjoni l-imsemmi Tribunal laqa' t-talbiet attrici pero' ddikjara li l-ammont in kwestjoni f'din it-talba hu pacut ma' parti mill-ammont li ghandha tiehu l-konvenuta skond il-kontro-talba taghha. Inoltre t-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-konvenuta dwar il-preskrizzjoni u cahad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuta kwantu dawn jimmiraw biex jehilsuha milli thallas xi haga lill-attur minn dak li talab. Inoltre t-Tribunal laqa l-istess eccezzjonijiet kwantu dak li talab l-attur ser jigi pacut ma' parti minn dak li talbet il-konvenuta fil-kontro-talba. Barra minn hekk it-Tribunal laqa l-kontro-talba tal-konvenuta sal-ammont ta' elf euro (€1000) u cahad il-kumplament tal-istess kontro-talba. It-Tribunal cahad l-eccezzjonijiet ghall-imsemmija kontro-talba u dana konformement ma dak li gie deciz fl-istess decizjoni. Finalment l-attur gie kkundannat ihallas lill-konvenuta s-somma ta' elf euro (€1000) u gie ordnat li l-hlas kellu jsir fi zmien tletin jum mid-data ta' l-istess decizjoni u fin-nuqqas jibda jiddekorri mill-31 jum l-imghax skond il-Ligi sal-gurnata tal-effettiv pagament. Hu biss l-attur appellant

Francis Vella li ntavola appell. Il-konvenuta appellata Josephine Bartolo ma ghamlet l-ebda appell lanqas fuq dak li gie deciz fir-rigward tal-kontro talba taghha.

Fid-decizjoni appellata t-Tribunal iddikjara li hu “statutorjament obligat li fil-konsiderazzjonijiet tieghu ikun gwidat maggorment mill-ekwita’.” Fuq din id-dikjarazzjoni u fir-rigward tal-kaz in ezami, t-Tribunal, fid decizjoni tieghu, ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:- (a) li l-presenti kawza hi konsegwenza tas-sitwazzjoni li kienu fiha l-partijiet u cioe’, anke wara s-separazzjoni formali permezz ta’ kuntratt, huma komplew jghixu taht l-istess saqaf; (b) li l-attur jippretendi hlas ta’ ammonti li skond il-kuntratt ta’ separazzjoni kellhom jithallsu mill-konvenuta appellata; (3) li l-appellata tikkontendi li hi hallset il-parti l-kbira tal-pretensjonijiet ta’ zewgha fi flus kontanti u r-rimanenti parti gie pacut ma ammonti li huma dovuti lilha mill-appellant; (4) li meta jithallsu l-kontijiet tad-dawl u ilma hu normali li ma tinghatax u lanqas tintalab ricevuta u (5) l-appellant ma xehedx u ma kkontestax l-ammonti li qed tippretendi l-appellata li huma dovuti lilha. Inoltre t-Tribunal iddikjara li “m’ghandux dubbju li l-ammonti pretizi mill-konvenuta huma korretti u dovuti.” Din id-dikjarazzjoni hi bbazata fuq dak li xehedu l-partijiet kif ukoll il-komportament tal-istess partijiet fil-hin li kienu qed jiddeponu.

L-artikolu 6 tal-Kapitolu 380 (Att dwar Tribunal ghat-Talbiet Zghar) jipprovdi dwar il-gurament li ghandu jittiehed minn gudikatur li jippresjedi fit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar (minn hawn il-quddiem maghruf bhala t-Tribunal) u jistipula li l-imsemmi gudikatur ghandu jikkonferma li jezamina u jaqta l-kazijiet “minnghajr dewmien, b’mod imparzjali u b’ekwita’ skond il-ligi.”

Barra dan il-provediment hemm ukoll l-artikolu 7(1) tal-istess Kapitolu li jispecifika li “t-Tribunal ghandu jaqta kull talba u kontro-talba ……principalment skond l-ekwita’.” Dawn il-provedimenti donnhom jindikaw li t-Tribunal jista jiddeciedi l-kwestjonijiet quddiemu skond kif jidhirlu li hu gust. In effett l-ekwita’ litteralment tfisser appuntu

gustizzja jew ahjar rikors ghal principji tal-gustizzja sabiex tigi supplimentata l-ligi. Guridikament, pero', t-tifsira tal-kuncett tal-ekwita' hi differenti.
It-Tribunal ghat-Talbiet Zghar fis-sentenza tieghu tad-19 ta' Dicembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet "Marika Caruana vs Direttur Generali tal-Qorti tal-Gustizzja" wara li esamina fid-dettal, fost affarijiet ohra, l-imsemmi artikolu 7(1) u varji sentenzi u awturi li ttrattaw il-kuncett tal-ekwita' wasal ghall-konkluzjoni li "l-ekwita' ghandha ssegwi l-ligi u ghandha ukoll pero' l-funzjoni specjali li tissupplimentaha fejn din hi nieqsa, billi taghti rimedju fejn hemm ir-raguni u b'mod li ssir gustizzja ma dak li jkun." Din hi tifsira li tista sservi ghal finijiet tal-presenti sentenza peress li hi kompleta u ragjonevoli u tidher li tikkoncilja l-principju tal-legalita' u dak tal-gustizzja. Ghalkhemm il-ligi ghandha l-ghan li ssir il-guistizja, pero' mhux dejjem dak li hu legali hu ukoll gust.

In effett l-ekwita' hu principju difficili biex jigi applikat u biex jinftiehem b'mod partikolari fil-kuntest tal-ligi. L-ekwita' pero' ma tista qatt tissostitwixxi l-ligi. L-ekwita' ghandha jkollha funzjoni li tissupplimenta u tassisti l-ligi u dan anke billi possibilment u fejn ikun il-kaz timmodera r-rigur tal-ligi bil-ghan li ssir il-gustizzja. L-ekwita' tassisti l-ligi fejn din hi mankanti u tista tghin sabiex jigu respinti tentattivi biex tigi evasa l-ligi. L-ekwita' m'ghandix ikollha l-funzjoni li tiddemolixxi l-ligi izda ghandha tghin il-ligi. Hu difficli biex jinftiehem u biex jigi applikat dan il-kuncett peress li jridu jigu konciljati l-kuncett r-rigur tal-ligijiet u l-kuncett li trid issir il-gustizzja. Dan hu hekk stante li, kif gia rilevat, hu possibbli li meta jigu applikati l-ligijiet, li ghandhom dejjem jigu applikati nonostante li jistghu jkunu iebsin, ma ssirx gustizzja. Dak li hu ekwu necessarjament hu gust pero' dak li hu ekwu jista jkun li jmur kontra l-ligi. Possibilment ghandu jinstab bilanc bejn dak li hu skond il-ligi u dak li hu gust u tali bilanc jista possibilment jintlahaq permezz tal-interpretazzjoni tal-ligi, li twassal ghad-decizjoni u li hu l-kompitu ewlieni tal-gudikant. Difatti l-artikolu 8(2)(d) tal-istess Kapitolu 380 jipprovdi li jista jkun hemm appell meta t-Tribunal "b'mod gravi" ma josservax l-imparzjalita' jew l-"ekwita' skond il-ligi." Dan il-provediment jenfasizza li l-principju tal-ekwita' ma jistax

jigi applikat wahdu izda ghandu jigi applikat in suddatittanza tal-ligi.

Hu evidenti, mill-varji disposizzjonijiet li huma applikabbli, li l-ligi trid, fil-kaz tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar, li l-kawzi quddiemu jipprocedu u jigu decizi bi speditezza.u b’hekk “il-gudikatur jirregola l-procedimenti quddiem it-Tribunal” dejjem pero’ skond il-principji tal-gustizzja naturali, u cioe’ b’mod imparzjali u l-partijiet ghandhom jinghataw smiegh xieraq kif ukoll ghandhom jinghataw l-istess fakoltajiet u dmirijiet (“nemo judex in causa proprio” u “audi alteram parte”). U dana skond l-artikolu 9(1) tal-Kapitolu 380.

Kaz quddiem it-Tribunal ghandu jinstema u jinqata b’mod sommarju, ghandu jinqata possibilment f’seduta wahda u m’ghandix tapplika la r-regola tal-ahjar prova u lanqas dik tal-“detto del detto” jekk jirrizulta li x-xhud jista jitqies li hu affidabbli, Inoltre possibilment m’ghandhomx jinhatru periti u l-gudikatur ghandu, fid-decizjoni tieghu, jindika biss l-bazi principali tal-konkluzjonijiet tieghu (artikolu 9(2) tal-istess Att). In effett dawn il-provedimenti jindikaw li, quddiem it-Tribunal, il-kwestjonijiet kollha ghandhom jinqatghu malajr minhabba n-natura taghhom stess u cioe’ fuq talbiet ghal kundanna ta’ hlas ta’ ammont limitat. It-Tribunal m’ghandux ikun marbut b’formalitajiet zejda u d-decizjoni tieghu m’ghandhix tkun komplikata u ghandha tinftiehem facilment, u cioe’ kull m’ghandu jigi indikat fiha huma l-bazijiet tal-kokluzjonijiet. Ovvjament l-elementi necessarji sabiex sentenza tal-Qorti tkun ritenuta li hi valida mhux applikabbli ghad-decizjoniet tat-Tribunal.

A bazi ta’ dan kollu jista jinghad li ma hemm xejn, fid-decizjoni in kwestjoni, li jista jinghad li hu null jew invalidu jew li jmur kontra l-ligi. It-Tribunal sejjes il-konkluzjonijiet tieghu kif hemm provdut fil-ligi, billi jindika l-bazi li fuqha wasal ghall-varji decizjonijiet tieghu. Fid-decizjonijiet tieghu t-Tribunal segwa ukoll dak li tghid il-ligi sostantiva li hi applikabbli, kif ukoll ghamel referenza ghall-ekwita’ u f’dan ir-rigward semma cirkostanza u cioe’ li dan il-kaz hu

dwar omm separata, cioe' l-appellata, li kompliet tiehu hsieb ta' dak kollu li kellu bzonn l-iben komuni tal-koppja, anke wara li dan sar maggiorenni billi huwa kompla bl-istudji tieghu u ghlhekk kien u ghadu jiddependi fuq ommu.

L-aggravji tal-appellant huma bazikament tlieta (3). Fl-ewwel lok huwa jilmenta li t-Tribunal naqas li jittrattata l-eccezzjoni tieghu kif sollevata minnu fir-risposta ghall-kontro-talba rigwardanti l-preskrizzjoni. It-tieni aggravju jirrigwarda li t-tribunal iddecieda hazin meta kkonsidra li l-pretensjonijiet tal-appellata, kif kontenuti fil-kontro-talba, gew pruvati in vista tal-fatt li l-istess appellant naqas li jikkontesthom stante li ma xehdx fuq il-kontijiet presentati mill-appellata. Finalment l-appellant isostni li t-tribunal apprezza skorrettement il-provi.

Dwar l-ewwel aggravju gie dikjarat mill-appellant li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet minnu sollevata fl-istadju tal-appell u kwindi t-Tribunal ma kellux jittratta tali eccezzjoni. Jideher li din l-eccezzjoni ssemmiet quddiem it-Tribunal pero' ma jirrizultax li l-appellant f'dak l-istadju ndika l-provediment tal-ligi li fuqu hu kien qed jibbaza l-eccezzjoni. L-appellant issa qed jindika l-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 bhala l-bazi tal-istess eccezzjoni.

L-imsemmi artikolu jipprovdi li azzjonijiet ghall-hlas ta' kwalunkwe kreditu jew debitu, anke jekk mhux kummercjali, jaqghu fl-eghluq hames (5) snin f'kaz li ebda preskrizzjoni ohra ma hi applikabbli. Fil-kaz in ezami si tratta ta' krediti u debiti li huma ta' natura civili u kwindi l-imsemmi artikolu hu applikabbli. Il-pretensjonijiet tal-appellata, kif kontenuti fil-kontro-talba taghha, jirreferu ghal somma (mhux aktar inn €3400) li tirrappresenta spejjez li ghamlet l-istess appelata u li l-appellant gawda minnhom.

L-appellant jammetti li huwa qatt ma hallas ghal certi spejjez bhal dawk relattivi ghall-internet tat-tifel komuni tal-partijiet u lanqas qatt ma hallas ghall-privat. Inoltre jirrizulta li l-appellant ma\ hallax ghal bosta sp[ejjez relattivi ghall-imsemmi bin il-koppja, bhal ma huma spejjez

medici u dawk ta’ dentist. Inoltre kien hemm spejjez li kienu qed jinqassmu bejn l-appellant u l-appellata meta kellhom jithallsu biss mill-appellant. Ghalhekk l-ammonti precizi li parti ghandha taghti lill-ohra ma jistghu jirrizultaw qatt b’mod preciz. Barra minn dan d-dati meta saru l-istess spejjez huma nebuluzi. Jidher ukoll li l-appellata kienet hallset xi kontijiet li kellhom jithallsu bejn it-tnejn. L-appellata tghid ukoll li kienet thallas lil zewgha nofs il-kontijiet tad-dawl u ilma bi flus kontanti u ovvjamwent taa’ dawn ma kelliex ricevuta. L-appellata tghid ukoll li kienet thallas ghal spejjez li kellhom jinqassmu ma zewgha pero’ dan tal-ahhar qatt ma irrifonda n-nofs tieghu. F’dawn ic-cirkostanzi hu prattikament difficli jekk mhux addirittura impossibli li wiehed jasal ghal kokluzjoni ta’ x’inhu verament dovut minn parti u minn ohra. Kien ghalhekk li t-tribunal wasal ghall-konkluzjonijiet li wasal ghalihim.

It-Tribunal ghamel referenza ghall-fatt li l-appellata ippresentat diversi ricevuti ta’ spejjez li hallset u li pero’ l-appellant qatt ma hallas lura n-nofs ta’ dawn l-istess spejjez. Wara li t-Tribunal ikkonsidra dak kollu li kien rilevanti wasal ghall-konkluzjoni li l-ammonti pretizi mill-appellata huma korretti u huma ukoll dovuti lilha mill-appellat. Hawnhekk it-Tribunal ghamel konsiderazzjonijiet ta’ fatt u ma jirrizultax li l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom it-Tribunal huma tant skorretti li ghandhom jigu mibdula minn din il-Qorti.

Sewwa ddecieda t-Tribunal li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-appellant kellha tigi rigettata u dan billi kien impossibbli li jigi stabbilit minn meta kellu jibda ghaddej it-terminu tal-preskrizzjoni. Kien ghalhekk li t-Tribunal ghamel referenza ghall-ekwita’ minnghajr pero’ ma skarta kompletament il-ligi. Inoltre t-Tribunal kien konvint li l-appellata kellha tiehu dak li kienet qed titlob u konsegwentement wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu. Tali konkluzjonijiet kienu ukoll ibbazati fuq il-fatt li ma setghax jigi stabblilit meta kellu jibda jiddekorri z-zmien tal-preskrizzjoni. Kwindi dan l-ewwel aggravju tal-appellant jimmerita li jigi respint.

Kwantu ghat-tieni aggravju tal-appellant fis-sens li t-Tribunal iddecieda hazin meta kkonsidra li li l-

pretensjonijiet tal-appellata gew pruvati minhabba l-fatt li l-appellant ma xehedx u b'hekk jma kkontestax. Mill-atti relattivi jidher li l-appellant iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduci u ma jirrizultax li wara dan l-istadju huwa talab li jerga jixhed.
Mid-decizjoni appellata jirrizulta li t-Tribunal semplicement innota li l-kontijiet li gew presentati mill-appellata ma gewx kontestati mill-appellant. It-Tribunal ma specifikax li peress li l-appellant ma xehedx konsegwentement dan ifisser li l-istess kontijiet ma gewx kontestati. Wara li saret din l-annotazjoni t-Tribunal iddikjara li ma kellux dubju li l-ammonti pretizi mill-appellata kienu korretti u dovuti. It-Tribunal specifika li wasal biex jaghmel l-imsemmija dikjarazzjoni tieghu wara li sema' lill-partijiet jixhdu viva voce u wara li kkonsidra d-deposizzjonjiet rispettivi tal-partijiet u "l-atteggjament taghhom waqt il-kawza u fil-pedana tax-xhieda." M'hemmx dubju li dawn il-konsiderazzjonijier tat-Tribunal huma bazikament ta' fatt u ma jirrizulta xejn li jista jgieghel lil din il-Qorti li tbiddel l-istess konsiderazzjonijiet..Konkluzjoni ohra li m'ghandix tigi disturbata hi dik li f'dan il-kaz hemm lok li ssir tpacija bejn l-eventwali ammonti li l-partijiet ghandhom jghatu lil xulxin. Ghal dawn ir-ragunijiet anke t-tieni aggravju jisthoqqlu li jigi michud.

It-tielet aggravju tal-appellant jirrigwarda dak li hu jsejjah bhala apprezzament hazin tal-provi u jispecifika li t-Tribunal ma kkunsidrax xi dokumenti li gew presentati minnu stess li juru l-spejjez li ghamel hu stess. Jidher li t-Tribunal hass li l-konsiderazzjonijiet kollha li ghamel kienu bizzejjed biex wassluh ghall-konkluzjonijiet kollha li wasal ghalihom. Jidher li hass ukoll li d-dokumenti kollha li ezamina kienu bizzejjed sabiex wasal ghad-decizjoni finali tieghu. Apparti li din ukoll hi kwestjoni ta' fatt, jista jigi rilevat li l-appellant jippretendi li huwa ghamel xogholijiet fid-dar konjugali fejn ghada tghix l-appellata li l-valur taghhom kien iktar minn sitt elef euro (€6000). L-appellata tichad li saru dawn l-ispejjez. Inoltre t-Tribunal jidher li kkonkluda li l-appellant kien ghamel xi uhud minn dawn l-ispejjez u kien ghalhekk li gie konkluz li kellu ikun hemm tpacija.

Finalment jinghad li din il-Qorti ma tirriskontrax l-estremi li trid il-ligi biex jista jinghad li dan hu appell frivolu u vessatorju.In vista ta dak kollu li gie premess l-aggravji kollha tal-appellant ghandhom jigu michuda u b'hekk id-decizjoni appellata timmerita li tigi konfermata.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-attur appellant u tikkonferma in toto d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-5 ta' Ottubru, 2011 fl-istess ismijiet premessi.

L-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu kollha mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------